# *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri*

*Il-kalvarju li tgħaddi minnu omm żagħżugħa mhix miżżewġa, u qassis qaddis eroj.*

**Oliver Friggieri jiġbor l-ideat ewlenin li qanqluh jikteb dan ir-rumanz u li jfisser fih aspetti tar-realtà bis-saħħa ta' rikostruzzjoni ta' Malta fil-bidu tas-seklu dsatax.**

Il-ħajja mfissra fir-rumanz hi mill-aktar kiefra, imqar jekk fl-istess nifs hi misterjuża, u ma nħossx li l-kundanna fuq min iħoss li ma jista' qatt jinfeda hi b'xi mod eċċessiva jew qadima. It-tbatija hawnhekk hi mqiegħda fi sfond qadim, u l-ġrajja kollha tiżvolġi ruħha f'dehra mlewna ta' kif kienet il-ħajja fl-irħula madwar tmenin jew disgħin sena ilu. L-imgħoddi huwa dejjem esperjenza intima għal min jirrakkonta, l-aktar jekk imiss iż-żgħorija bikrija tiegħu, aktar u aktar jekk jippreċedih.

Imma dan mhux l-aktar punt importanti f'dan ir-rumanz li bdejt nikteb kważi mingħajr ma ħsibtu minn qabel u kontra ta' kif is-soltu jseħħli. Xi wħud jistgħu jifhmuh bħala rappreżentazzjoni ta' dilemmi mħabbla ta' qassis mill-aktar sensittiv. Il-kunċett tas-saċerdozju huwa dejjem miġjub b'sensittività kbira. Oħrajn jistgħu jarawh bħala r-rikostruzzjoni tat-tbatija li tgħaddi minnu omm mhix miżżewġa, u li minnufih hi mċaħħda għal dejjem mill-wild tagħha biex tibqa' eternament "omm bla wlied" f'aktar minn sens wieħed.

Ir-Riċensjonijiet

"Omm bla wlied": paradoss li nqiegħed tul ir-rakkont kollu biex infisser il-kefrija mill-bidu sa l-aħħar. Susanna tippersonifika r-rieda t-tajba, b'qalb li ma tieqaf qatt tkun nobbli. Dak li hu insinifikanti jirbaħ l-aqwa valuri.

Aħna lkoll niftakru l-prudenza u l-għaqal ta' ommijietna kull meta weġbuna li t-tfal jiġu bil-vapuri. "Kif jiġu t-tfal, mà?" "Bil-vapur!" Stajna nobsru li xi ftit jew wisq dan ma kienx minnu, imma kienet gidba li togħġobna, għax mimlija mħabba. Il-ħrejjef jgħidu l-verità u kull omm trid il-ġid għal uliedha, imma dan il-prinċipju bażiku xi darba jew oħra jrid jinkixef.

Min-naħa l-oħra, l-istess illużjoni, imqar jekk temporanja, aktarx ħolqot ħafna tbatijiet. Imma fir-rumanz mhux dan li jiġi eżaminat, għax hawnhekk ir-responsabbiltà taqa' bnadi oħra, u mhix imtebbgħa jew imnaqqsa minħabba l-injoranza. It-tqala sikwit fissret bidla radikali fil-mod ta' kif naraw il-ħajja fis-sens kollu tagħha. Malajr naħsbu li ċerti sitwazzjonijiet m'għadhomx jeżistu llum u li huma ħwejjeġ ta' l-imgħoddi. Dan hu li jeħtiġilna ntambru biex il-preżent inkunu nistgħu nirrakkuntawh bit-tama li nifhmuh. Ir-rumanz huwa aktarx l-aħjar forma effettiva biex insarrfu dawn il-veritajiet bis-saħħa ta' sitwazzjonijiet partikulari.

Dan hu li ridt infisser f'*It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* (Mireva Publications). Ir-rumanz huwa mqiegħed apposta fl-isfond ta' l-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin, perijodu oskur, affaxxinanti u ambigwu li jista' biss jinftiehem fil-permanenza tiegħu fejn kollox jibqa' fiss u jirreżisti l-bidla. Ir-rumanz iressaq quddiemna t-teżi li l-permanenza hi parti min-natura umana, u l-istorja u l-iżvilupp qatt ma jistgħu jegħlbuha.

Il-Verità, fissa, soda, u eterna kontra r-realtà li tgħaddi, tgħib u tqarraq: fuq dan il-bażi kontrastanti li sikwit jaħarbilna, il-ġrajja setgħet tinbena biex turi kemm il-ġudizzju tagħna fuq il-ħajja jaf ikun superfiċjali. Għamilt ħilti fit-tiftix bil-qari, bil-konsultazzjoni u billi żort inħawi tipiċi, biex nersaq fedelment lejn dik il-ħajja ta' tant żmien ilu. Kien vjaġġ li għoġobni, ikolli nammetti, u fl-istess nifs imlieni bid-diqa. Lejn it-tmiem tal-vjaġġ, ir-rumanzier jibda jsaqsi lilu nnifsu: liema seklu hu dan? Fil-proċess kreattiv ta' xogħol letterarju din hi l-aktar ħaġa li tissodisfa. Mhix differenti min-nifs li

nieħdu biex ngħixu. Il-ħajja hija waħda, u l-kitba trid trodd din l-uniċità.

Ir-rikostruzzjoni ta' kuntest storiku, għalkemm huwa komponent importanti ta' dan ir-rumanz, mhix il-mottiv prinċipali tiegħi. Li ridt nagħmel jien kien li npitter ix-xbieha ta' din it-tfajla li kmieni f'ħajjitha ssib ruħha vittma tal-preġudizzju, u ta' qassis qaddis u eroj li jgħix il-Vanġelu biex fl-aħħar isib ruħu mkasbar, ikkundannat u mġiegħel jitlaq mill-parroċċa u minn pajjiżu.

Dun Grejbel jisfa' umiljat għall-aħħar u jsib ruħu f'solitudni sħiħa. Imma l-integrità tiegħu tibqa' sħiħa wkoll. Mill-ġdid insibu li dak li l-bniedem ibassar hu dijametrikament oppost għall-verità divina - il-bniedem jipproponi imma Alla jiddisponi. Il-Poter, anzi kull tip ta' poter, jinftiehem bħala ċ-ċaħda tal-verità. Dan il-bniedem uniku, li b'mod jew ieħor isib ruħu tradut minħabba l-istess rieda tajba tiegħu, issa jifhem li s-salib tas-saċerdozju jfisser li l-veritajiet tagħrafhom mill-kontradizzjonijiet u n-nuqqas tal-ftehim. Il-karattri l-oħra kollha huma mċekkna fi bnedmin normali, ladarba dawn jinsabu fuq in-naħa l-oħra tal-munita.

Li ġegħilni nasal nikteb dan ir-rumanz kienet il-fehma tiegħi li f'soċjetà moderna qassis bilfors hu eroj. Bil-kriterji kollha, qassis huwa l-eżempju eċċezzjonali li ħafna nies jixtiequ jimitaw iżda qatt ma jirnexxilhom jilħqu. Fil-proċess tal-kitba aktar bdejt nirrealizza li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet bdejt ninterpreta l-isforzi tiegħu bħala inutli u bla frott, izda xorta validi u erojċi billi jimplikaw sforz kbir uman kemm fiżiku kif ukoll morali.

Dan il-qassis huwa fuq kollox ħassieb u traxxendentali - bniedem li bi ħsibijietu jisfida l-ideat biex iġarrafhom. Dan ifisser li l-verità, u Alla, nistgħu naslu għalihom biss bis-saħħa ta' proċess poetiku. L-għan ewlieni ta' l-ideat huwa li jwassluna għas-sentiment, u l-aqwa mument elokwenti huwa s-silenzju. Il-karattri kollha f'din in-narrattiva eventwalment idubu fix-xejn, hekk kif itemmu l-parti tagħhom, u finalment il-qarrej jisfa' waħdu.

*It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* jfittex li juri li qassis huwa qabelxejn poeta, ruħ imġarrba li qiegħda tfittex is-sens u t-tifsir; it-tnejn hawnhekk huma possibbli, iżda qatt m'huma mifhuma għal kollox.

Aktarx bi ħjiel u b'lemħiet. Id-dinja li ħloqt hi għalhekk ostili għalih, imqar jekk tilqgħu fi ħdanha, filwaqt li tinkorpora dik l-għażla li tisfida x-xewqat bażiċi fin-natura umana: il-poter.

It-tradizzjoni ġġorr fiha nfisha l-ambigwità, imqar jekk suppost tiggarantixxi l-istabbiltà u ċ-ċertezza. Jekk nifhmu l-qassis fid-dawl ta' dak li jirrappreżenta, huwa superjuri għaż-żmien li jbiddel. Kif inhu hawnhekk. Il-bniedem jisfa' mfaqqar, iżda moralment jibqa' sħiħ sa l-aħħar.

Dun Grejbel: id-diminuttiv ta' "Grabiel". Bl-Ebrajk l-isem ifisser "bniedem ta' Alla". U hekk hu fil-fatt. Il-qassis: għaliex jeħtiġilna nqegħduh f'nofs l-arena, jew inkella niddeċiedu li nistgħu ngħaddu mingħajru? Nemmen li r-rumanz tiegħi jagħti tweġiba ċara ħafna.

*Traduzzjoni ta' Joseph Borg*
*16.12.2001*

## SIPARJU

Meta trid
X'ħin trid
Mulej,
Tista' tniżżel is-siparju.
Naf li qed niffissa,
Imma nitolbok tniżżlux
Għallinqas għalissa!

## KUNTRAST

Il-Ħajja mhix
ħlief illużjoni,
il-mewt hi biss realtà
trejqa li twasslek
fi ħdan l-eternità

**Noel Fabri**